newsbook
.com.mt

LOKALI

# Kontroll tat-traffiku 24/7 minn Jannar

*09/11/17 09:28 PM*



Iċ-Ċentru għall-Kontroll tat-Traffiku f'Raħal Ġdid mistenni jibda jaħdem 24/7 minn Jannar li ġej.

Fi stqarrija, il-Ministeru għat-Trasport spjega li dan iċ-Ċentru jaħdem flimkien ma' numru ta' għodda oħra bħal ma huma l-kameras li jinsabu f'uħud mill-*junctions* prinċipali, is-sistemi tad-dawl tat-traffiku intelliġenti u tabelli elettroniċi. Bħalissa n-numru ta' kameras jammonta għal 27 iżda dan numru mistenni jirdoppja fiż-żmien li ġej.

Il-Ministeru qal li l-uffiċjali taċ-Ċentru qegħdin f'kuntatt kontinwu mal-uffiċjali ta' Transport Malta li jkunu fit-toroq, il-Pulizija u l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali (LESA). Permezz tar-radju huma jistgħu jagħtuhom indikazzjonijiet biex jintervenju meta tinħoloq konġestjoni jew meta din tkun antiċipata. Jistgħu jibgħatu ukoll pulizija u trakkijiet tal-

irmonk f’każ ta’ inċident. Skont il-Ministeru n-numru medju ta’ talbiet għal dan is-servizz huwa ta’ 10 kuljum.

Waqt żjara li għamel fiċ-ċentru, il-Ministru għat-Trasport Ian Borg qal li fil-futur qrib l-uffiċjali taċ-ċentru se jibdew ikunu qed jużaw *body-cams* u *dash-cams* b’komunikazzjoni f’ħin reali maċ-ċentru. Huwa qal li Transport Malta tinsab f’kuntatt mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data biex ikun assigurat li l-linji gwida tal-uffiċju qegħdin jiġu segwita.

Skont il-Ministeru hemm ukoll preparamenti għat-tieni proġett Modus II, li se jkun responsabbli li jibni ċentru ieħor għall-kontroll tat-traffiku f’Sa Maison. Intqal li għal dan iċ-ċentru diġà hemm permess mill-Awtorità tal-Ippjannar.

*Ritratt: DOI - Reuben Piscopo*

Share on Facebook Share on Twitter